QABBEL L-ISTAMPI MAD-DESKRIZZJONI



NIKOLA - l-isqof qaddis li kien jieħu ħsieb lil dawk fil-bżonn u li huwa fit-tradizzjoni tal-għoti tar-rigali fil-Milied.



ĠUŻEPPI - raġel umli, magħżul minn Alla biex iħares u jmexxi lil Ġesù u lil Marija.



DIMOSTRAZZJONI - tradizzjoni li beda San Ġorġ Preca biex ixerred il-messaġġ li Ġesù, l-Iben ta' Alla sar bniedem bħalna.



SLATEN MAĠI - l-għorrief li taw ir-riġali tad-deheb, inċens u mirra lil Ġesù.

PRESEPJU - San Franġisk t'Assisi beda t-tradizzjoni tal-presepju fl-1223. Permezz tiegħu ried ifakkar lin-nies li Ġesù twieled fqir, f'maxtura f'Betlehem.



RAGĦAJJA - il-ħaddiema sempliċi li kienu jieħdu ħsieb in-nagħaġ.



MARIJA - Omm Ġesù.



ĠESÙ - l-Iben ta' Alla li twieled f' għar ġo Betlehem u ġie mqiegħed fil-maxtura.



Flimkien 2026-2027 Togetherness

Ħarġa Nru 06

AVVENT / MILIED 2026

be KIDS

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

STORJA

IS-SOPPA TAL-ĠEBEL

Storja Tradizzjonali Ewropea

Grupp ta' vjaġġaturi bil-ġuħ jaslu f'raħal bit-tama li jsibu x'jieklu, iżda kull persuna f'dak ir-raħal jaħbi dak li għandu għax jibża' li mhux se jkun hemm biżżejjed għalih. Il-vjaġġaturi jindunaw b'dan il-ħsieb u jitbissmu u jħabbru li se jagħmlu Soppa tal-Ġebel. Kurjużi, ir-raħħala jinġabru madwarhom hekk kif il-vjaġġaturi jpoġġu ġebla kbira ġo borma kbira bl-ilma jagħli.

Hekk kif is-soppa tibda tissajjar, il-vjaġġaturi jgħidu b'mod każwali, *"Kemm tkun saħansitra aktar tajba bi ftit karrotti."* Wieħed mir-raħħala jgħid li kellu ftit u allura jġib il-karrotti. Imbagħad jissuġġerixxu l-basal, il-patata, il-ħwawar u ingredjenti oħra. Wieħed wieħed, kulħadd jagħti ftit minn dak li għandu.

F'qasir żmien, il-borma li qabel kienet vojta timtela b'soppa b'riħa li taqsamlek qalbek, delizzjuża—ferm aħjar minn kull ħaġa li l-vjaġġaturi setgħu jagħmlu waħedhom. Ir-raħħala spiċċaw joqogħdu magħhom u qagħdu jieklu kollha flimkien, jidħku flimkien. Fehmu li meta kulħadd jaqsam ftit, ikun hemm biżżejjed għal kulħadd.



Skopri iktar fuq din l-istorja billi tiskennja il-QR Code

MERĦBA

It-tema ta' din is-sena hija **FLIMKIEN**. Għalfejn Flimkien? Għax flimkien nistgħu nagħmlu ħafna aktar affarijiet milli kieku nkunu waħedna, la flimkien għandi ma min nitkellem, hemm min jismagħni, u wkoll nista' nisma' lil ħaddieħor. Hemm xi ħadd li jista' jgħinni u hemm lil min nista' ngħin. Flimkien aħna msejħa nieħdu ħsieb ta' xulxin, u tal-post fejn ngħixu. Flimkien nistgħu nagħmlu ħafna, kulħadd għandu x'joffri biex il-parroċċi u l-komunitajiet tagħna jirriflettu l-imħabba u l-preżenza ta' Ġesù.

Saħħiet,

It-tim ta' Pastorali Tfal

NISTAQSU U NAĦSBU


- Kif kienet tispiċċa l-istorja kieku r-raħħala ma qasmux l-ikel tagħhom mal-vjaġġaturi?
- Dalwaqt wasal il-Milied. Kulħadd ikollu f'moħħu xi rigal li jixtieq li jaqla'. Din l-istorja tfakkarna kemm hu sabiħ li nagħtu Rigali lill-oħrajn. Rigal mhux bil-fors xi ħaġa li nixtru, jista' jkun li naqsmu t-talenti tagħna.
- X'inhuma t-talenti tiegħek? Kif tista' tużhom biex tferraħ jew tgħin li xi ħadd?

Għal aktar riżorsi għal żmien l-Avvent u l-Milied żur www.bekids.mt

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

FLIMKIEN LEJN ĠESÙ

F'kull ġurnata tal-Avvent agħmel waħda minn dawn l-azzjonijiet, imbgħad agħti l-kulur lill-istampa



1. **GĦID GRAZZI** – irringrazza lil Alla għal 3 affarijiet sbieħ f'ħajtek.
2. **ISMA B'ATTENZJONI** – isma lil xi ħadd mingħajr ma taqtagħlu kliemu.
3. **ITLOB GĦALL-OĦRAJN** – itlob għal xi ħadd li hu marid jew iħossu waħdu
4. **GĦID KELMA TAJBA** – għid xi ħaġa sabiħa lil xi ħadd wiċċ imb'wiċċ.
5. **KUN GRAT/A** – qabel l-ikel ta' filgħaxija, għid talba biex tirringrazza lil Alla għal dak li rċevejt illum.
6. **IRRISPETTA LIL KULĦADD** – qabel titkellem jew tibgħat messaġġ, staqsi lilek innifsek: "Dan hu kliem ġentili?"
7. **OQGĦD FTIT FIS-SKIET** – qatta' minuta fis-silenzju u tkellem ma' Ġesù f'qalbek.
8. **L-IVA TA' MARIJA** – aqra Luqa 1:26-38 u ara kif Marija wieġbet lil Alla.
9. **APPREZZA L-ĦBIBERIJI** – għid grazzi lil Alla għall-ħbieb li għandek.
10. **UŻA T-TEKNOLOĠIJA GĦAT-TAJJEB** – uża l-mobile, il-kompjuter jew it-tablet biex tagħmel xi ħaġa tajba jew utli.
11. **AGĦTI DAQQA T'ID FID-DAR** – għin fid-dar mingħajr ma jkun hemm bżonn li jgħidulek.
12. **KUN ATTENT/A GĦALL-OĦRAJN** – staqsi lil xi ħadd: "Kif qed tħossok illum?
13. **AĦSEB QABEL MA TWIEĠEB** – qabel twieġeb, ieqaf ftit u aħseb.
14. **KUN KREATTIV** – pinġi, aqra, kanta jew ilgħab mingħajr ma tuża skrin.
15. **UŻA KLIEM SABIĦ** – għid jew ikteb xi ħaġa sabiħa lil xi ħadd li jieħu ħsiebek.
16. **L-AĦBAR IT-TAJBA** – aqra Luqa 2:8-14 u rringrazzja lil Alla għad-don ta' Ġesù.
17. **IPPROTEĠI LILL-OĦRAJN** – ixxeridx għidut jew diskors fuq in-nies.
18. **ITLOB KULLIMKIEN** – għid talba qasira waqt li tkun qed tagħmel ix-xogħol ta' kuljum.
19. **KUN PAĊENZJUŻ/A** – meta tkun qed tistenna f'xi kju, bħas-supermarket, itlob għal-persuni ta' madwarek.
20. **AGĦMEL PAĊI** – ipprova solvi xi nuqqass ta' ftehim ma' xi ħadd.
21. **GĦID IL-VERITÀ** – jekk tagħmel xi ħaġa ħażina, ammettiha b'onestà.
22. **AGĦTI L-ATTENZJONI TIEGĦEK** – meta xi ħadd ikun qed ikellmek, isimgħu b'attenzjoni.
23. **QATTGĦU ĦIN FLIMKIEN** – gawdu hin bħala familja mingħajr mobiles jew skrins.
24. **ĠEST MOĦBI TA' TJUBIJA** – ħejji qalbek għal Ġesù billi tagħmel xi ġest sabiħ għal ħaddieħor mingħajr ma tgħid lil ħadd.

MALTA